

(2) L-Artikolu 15 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li l-prinċipju stabbilit fih japplika mingħajr restrizzjoni anki għall-professjoni ta' spiżjar, mingħajr ma n-natura ta' interess pubbliku ta' din il-professjoni ma tiġġustifika l-eżistenza ta' sistemi differenti bejn spiżjara proprjetarji ta' spiżeriji u spiżjara proprjetarji ta' para-spiżeriji fir-rigward tal-bejgħ tal-prodotti mediċinali msemmija fil-punt 1) iktar 'il fuq?

(3) L-Artikoli 102 u 106 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-projbizzjoni ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti hija applikabbli mingħajr restrizzjoni għall-professjoni ta' spiżjar, sa fejn l-ispiżjar proprjetarju ta' spiżerija tradizzjonali, li jbiegħ prodotti mediċinali skont ftehim konkluż mas-Servizio Sanitario Nazionale jieħu vantaġġ mill-projbizzjoni, għall-proprjetarji ta' para-spiżeriji, li jbiegħu il-prodotti mediċinali tal-kategorija C, mingħajr ma dan ma huwa ġġustifikat mill-karatteristiċi ċari tal-professjoni ta' spiżjar li jirriżultaw min-natura ta' interess pubbliku tal-protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Tivoli (l-Italja) fis-7 ta' Novembru 2012 Antonella Pedone vs Maria Adele Corrao**

(Kawża C-498/12)

(2013/C 26/50)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Tivoli

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Antonella Pedone

Konvenuta: Maria Adele Corrao

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 130 tad-DPR 30.5.2002 Nru 115 dwar il-likwidazzjoni tal-għajnuna legali mħallsa mill-Istat fl-ordinament ġuridiku Taljan — fil-parti fejn inaqas bin-nofs id-drittijiet dovuti lill-avukat difensur, lill-awżiljarju tal-maġistrat u lill-espert ġudizzjarju — huwa f'konformità mal-Artikolu 47(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi li dawk li ma għandhomx biżżejjed mezzi għandhom dritt għall-għajnuna legali mħallsa mill-Istat meta dan ikun neċessarju sabiex jiżgura aċċess effettiv għall-ġustizzja.

(2) L-Artikolu 130 tal-DPR 30.5.2002 Nru. 115 dwar il-likwidazzjoni tal-għajnuna legali mħallsa mill-Istat fl-ordinament ġuridiku Taljan — fil-parti fejn inaqas bin-nofs id-drittijiet dovuti lill-avukat difensur, lill-awżiljarju tal-maġistrat u lill-

espert ġudizzjarju — huwa f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ipprovdut fid-dispożizzjoni Komunitarja kif traspost fl-Artikolu 53(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 6 (TFUE).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Tivoli (l-Italja) fis-7 ta' Novembru 2012 — Elisabetta Gentile vs Ufficio Finanziario della Direzione Ufficio Territoriale di Tivoli et**

(Kawża C-499/12)

(2013/C 26/51)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Tivoli

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Elisabetta Gentile

Konvenut: Ufficio Finanziario della Direzione Ufficio Territoriale di Tivoli, Fabrizio Penna, Gianfranco Di Nicola

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 130 tad-DPR 30.5.2002 Nru. 115 fil-qasam tal-ħlas tal-ispejjeż tal-għajnuna legali fl-ordinament ġuridiku Taljan — fil-parti fejn jimponi li l-ammonti li għandhom jitħallsu lir-rappreżentant legali, lill-assistent tal-membru ġudikanti u lill-perit tal-qorti jitnaqqsu bin-nofs — huwa konformi mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi li min ma għandux mezzi biżżejjed għandu dritt għal għajnuna legali jekk dan ikun neċessarju sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja?

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja**

(Kawża C-500/12)

(2013/C 26/52)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Hottiaux u H. Støvlbæk, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Polonja